MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 567/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**SAID ABDULAHIM ABDOL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SAID ABDULAHIM ABDOL** ta’ disa’ u tletin (39) sena, ta’ nazzjonalita’ Eggizjana, imwieled l-Egittu fid-9 ta’ Settembru 1974, residenti fic-Centru ta’ Detenzjoni ta’ Hal Far, u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 11A-321 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fis-16 ta’ April 2011 harab mill-habs jew minn post ta’ kustodja tal-Pulizija u cioe’ harab mic-Centru ta’ Detenzjoni ta’ Hal Far.
U wkoll talli fit-13 ta’ Gunju 2013 u fix-xhur ta’ qabel, bhala persuna illi mbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas

illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' fedina penali, stqarrija, dokument mahrug mill-Pulizija, dokument mahrug mill-Konfederazzjoni Svizzera u biljett tal-ajru minn Zurich lejn Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu nhar it-tlettax (13) ta' Gunju 2013 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu tal-Ghajnuna Legali Dr Dorianne Vella, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux fejn jirrisjedi hawn Malta u li qed joqghod fit-toroq u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 151 u 152 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat SAID ABDULAHIM ABDOL hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija effettivi.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta’ l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------